MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2009

Numru. 1096/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**

**vs**

**Carmel Grima**

Kumpilazzjoni Numru:1096/2008

**Illum, 02 ta’ Marzu, 2009,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Grima, ta’ 51 sena, iben Carmel u Rosaria nee` Chircop, imwieled Msida nhar it-23 ta’ Frar, 1957 u residenti gewwa fond b’numru 12, Block 1, Door A, Flat 8, Misrah Awrekarja, San Gwann u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 173257M.

Akkuzat talli fit-2 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' xi 17:00hrs, gewwa ta' Qali, limiti tar-Rabat, Malta

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' ta' PC 944 Godwin Caruana u PS 601 Justin Spiteri, filwaqt li kien qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' l-artikolu 96, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PC 944 Godwin Caruana u PS 601 Justin Spiteri, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta' l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq PC 944 Godwin Caruana skond ma iccertifikat Dr. Lorraine Tabone M.D (Reg No 2414) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u dan bi ksur ta' l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew tnaqqas il-gieh ta' PC 944 Godwin Caruana u Ps 601 Justin Spiteri, wegghahom b'gesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat jew inkella bi kliem jew ghemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta serq semplici ta' tlett xkejjer tal-kolla li jiswew komplessivament is-somma ta' €75 (Hamsa u sebghin Euro) u dan bi ksur ta' l-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil PC 944 Godwin Caruana u PS 601 Justin Spiteri, ingurja jew hedded mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, ingurja b'mod li

johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (1),(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur ta'l-artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta li jaghti, jew ta' falz, lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien ghamel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi gahs-sigurta' ta' PC 944 Godwin Caruana u PS 6901 Justin Spiteri u dan skond Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 95, 96, 221, 252, 284, 338(g)(bb)(ee), 339(1)(e) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha hlif il-hames wahda u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jkkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha hlif ghal hames wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-hames imputazzjoni hija ta’ serq semplici.

Illi l-uniku xhud li kellha l-prosekuzzjoni in sostenn ta’ din l-imputazzjoni kien PC944 Godwin Caruana. Mid-depozizzjoni ta’ dan ix-xhud ma jirrizultawx pruvati l-elementi essenzjali ghar-reat addebietat lill-imputat ai termini ta’ din l-hames imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat min-naha n-natura tar-reati, u min-naha l-ohra l-koperazzzjoni ta’l-imputat mal-pulizija wara l-arrest tieghu, l-ammisjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, il-fatt li huwa mhux biss immedjatament wara l-incident imma anke seduta stante skuza ruhu mal-pulizija koncernati, kif ukoll il-fedina penali ta’l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas m’hi wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l- Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-hames imputazzjoni li minnha tilliberah, wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 252, 338(g)(bb)(ee), 339(1)(e) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonjiet l-ohra kollha u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

In oltre l-Qorti b’applikazzjoni ta’l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u biex tipprovdi ghas-sigurtà ta’ PC944 Godwin Caruana u PS 601 Justin Spiteri qed torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ elf Euro (Euro 1,000) ghal zmien sena li ma jimmolestax jew idejjaq lill-imsemmija PC944 Godwin Caruana u PS 601 Justin Spiteri.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk huwa jikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------